IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 05**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**L-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B04**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B04 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B04

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B04**

2.01 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-Transport Malta pproponew numru ta' dati biex issir din il-laqgħa. Hija qalet li din l-imejl ġiet iċċorkalata bejn il-membri però ħadd ma kkonferma l-attendenza tiegħu. — Tneħħija ta' *bus stop* minn Triq Godwin Ganado

Il-Kumitat iddeċieda li terġa' tintbagħat imejl lil Transport Malta fejn nipproponu li l-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru fit-3.00 p.m.

2.02 2.13 Peress illi l-laqgħa li kellha ssir mar-rappreżentati tas-Seminarju ġiet ikkanċellata, il-Kumitat qabel li nerġgħu niktbulhom sabiex niffissaw data oħra, din id-darba għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru fit-3.00 p.m. — Laqgħa mas-Seminarju

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ix-xogħol għandu jsir fil-jiem li ġejjin. | Refresh tas-sinjali tat-traffiku |
| 2.04 | 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talba lill-Korporazzjoni Enemalta kienet saret. | Bdil ta' arbli tad-dawl li huma msaddin |

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Is-Sna Louise Agius infurmat il-laqgħa li l-ġabra tal-ħġieġ li suppost issir nhar ta' Ġimgħa, fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar ilha ma ssir għal dawn l-aħħar xahrejn. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ser tgħaddi dan l-ilment lill-kumpanija *Green Mt*. | Ġbir ta' ħġieġ għar-riċiklaġġ |
| 3.02 | Is-Sna Louise Agius qalet li l-bankina fi Triq Godwin Ganado k/m Triq il-Buskett tinsab fi stat ta' telqa. Hija saħqet dwar il-bżonn illi jissewwew il-konki tas-siġar peress li kollha mkissrin u sabiex din il-bankina titnaddaf mill-ħaxix ħażin. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ser tibgħat lill-*handyman* tal-Kunsill sabiex jara x'jista' jsir biex tissewwa l-ħsara li hemm. | Tiswija ta' konki fi Triq Godwin Ganado k/m Triq il-Buskett |
| 3.03 | Is-Sna Louise Agius qalet li l-bankina ta' fejn hemm il-*bus stop* bl-isem ta' 'Ludovico' fi Triq Godwin Ganado hija għolja ħafna u għaldaqstant hemm bżonn illi ssirilha rampa. Iċ-Ċerpersin talab lis-Sna Agius sabiex tipprepara lista tan-nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku illi hemm ġewwa tal-Virtù. Din il-lista għandha tiġi ċċirkolata bejn il-membri sabiex tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat li jmiss. | Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku |
| 3.04 | Is-Sna Audrey Sant issuġġeriet illi l-*stop sign* illi hemm fi Triq Carlo Fiamingo u l-*give way* illi hemm fi Triq Francesco Azopardi jinqelbu, u dan sabiex it-triq id-dritta tiġi Triq Carlo Fiamingo. Wara diskussjoni illi saret bejn il-membri preżenti, ġie deċiż illi s-Sna Sant tippreżenta r-ritratti ta' dawn iż-żewġ sinjali sabiex din il-materja terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat li jmiss. | L-*stop sign* fi Triq Carlo Fiamingo u l-*give way* fi Triq Francesco Azopardi |
| 3.05 | Is-Sna Renate Guillaumier qalet li t-toroq mhux qegħdin jinkinsu. Il-Kumitat talab lill-amministrazzjoni sabiex tiċċirkola bejn il-membri l-iskeda tal-ġranet u l-ħinijiet illi suppost ikun hemm il-kennies ġewwa ż-żona ta' tal-Virtù. Fl-istess waqt għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knis illi t-toroq mhux qed jinkinsu u ninfurmawh ukoll illi l-kennies ser jibda jkun osservat mir-residenti. | Ilment dwar il-knis manwali |
| 3.06 | Iċ-Ċerpersin ippropona illi jsir xogħol ta' manutenzjoni b'10 jardi konkos fuq trejqa pubblika li tintuża mill-bdiewa. Huwa saħaq illi din it-talba saritlu minn bidwi illi juża din it-trejqa li tinsab f'Tal-Virtù. Is-Sna Audrey Sant issekondat din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. | Xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos fuq trejqa |
| 3.07 | Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li l-problema tal-ġrieden li kienu qed jaffaċċjaw ir-residenti ġiet solvuta min-naħa tas-Sanità. | Problema tal-ġrieden |

**4.00 Korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Direttorat tal-Infrastruttura tat-Toroq | Xogħol ta' asfaltar mid-Direttorat tal- |

issottometta applikazzjoni sabiex iwettaq xogħol ta' asfaltar fuq trejqa f'Tal-Lawrenti u trejqa fil-Wied tal-Isqof.

Infrastruttura tat-toroq

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*Contracts Manager* tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn illi jinżabru u jitbexxu kontra l-bumunqar it-tmien siġriet tal-palm li jinsabu fuq il-Belvedere. Is-Sna Renate Guillaumier ipproponiet illi dan ix-xogħol isir. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel unanimament.

Żbir tas-siġar tal-palm

4.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1705/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li fil-perjodu ta' tranżizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv, il-Kunsill kien irċieva talba biex titwaħħal bozza ġdida fi Triq Ludovico Savoye. Il-Kunsill għamel applikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta u din ġiet meqjusa ġustifikata. Għaldaqstant hija staqsiet lill-membri preżenti jekk kinux qed japprovaw illi din il-bozza titwaħħal. Iċ-Ċerpersin ippropona li din il-bozza għandha titwaħħal. Issekondat din il-proposta s-Sna Audrey Sant. Il-Kumitat qabel unanimament.

Bozza ġdida fi Triq Fra Ludovico Savoye

4.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1705/14**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ skema għall-Kunsilli Lokali u għall-Kumitati Amministrattivi dwar inizjattivi ta' attivitajiet għas-sena 2014-2015. Il-Kumitat iddeċieda li ma jieħux sehem f'din l-iskema.

Memo 27/2014 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2014 - 2015

4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-iskola tas-Seminarju ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv, tal-pulizija, kif ukoll tal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura dwar il-periklu li hemm faċċata tal-entratura tal-iskola minħabba ċ-ċint li ġġarraf. Iċ-Ċerpersin ippropona li dan iċ-ċint jissewwa. Issekondat din il-proposta s-Sna Renate Guillaumier. Il-Kumitat qabel unanimament.

Ċint imwaqqa' fi Triq il-Virtù

## 5.00 Materji Oħra

Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa.

Materji oħra

## 6.00 Data tas-seduta li jmiss

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2014 fis-5.45 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2014

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**